MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Numru. 663/2002

**Il-Pulizija**
**Kummissarju John Rizzo**
**Deputat Kummissarju Joseph Cachia**
**Asssitent Kummissarju Michael Cassar**
**Supretendent Pierre Calleja**

**vs**

**Mario Camilleri**
**Pierre Camilleri**
**Anthony John Grech Sant**
**Omissis**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Mario Camilleri ta’ 40 sena, iben Spiridione u Mary nee’ Allegretto imwieled il-Pieta’ nhar il-21 ta’ Mejju 1962 u prezentament residenti fil-Facilitajiet Korrettivi ta’ Kordin u detentur tal-karta tal-identita’ numru 320862 (M) u Pierre Camilleri ta’ 20 sena iben Mario u Rebecca El Jihani nee’ Simiana imwieled il-Pieta’ nhar it-18 ta’ Novembru 1981 residenti ‘Josephine Flats’, Flat no : 5, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 655581 (M) u Anthony John Grech Sant ta’ 55 sena iben Louis John u Evelyn nee’ Grech imwieled il-Belt Valletta nhar l-20 ta’ Dicembru 1946 residenti ‘Dwejra’, 42, Triq il-Fies, Attard u detentur tal-karta tal-identita’ numru 27047 (M) u Omissis gew imressqa quddiemha akkuzati talli :-

F’ dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta’ Lulju 2002 u fix-xhur ta’ qabel, in konnessjoni ma’ sentenza moghtija fil-5 ta’ Lulju, 2002 mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet « Repubblika ta’ Malta vs Mario Camilleri » ;

1. Irrendew ruhhom komplici billi kkorrompew lill-Prim Imhallef Noel Arrigo u l-Imhallef Patrick Vella, it-tnejn ufficjali jew impjegati pubblici, u dan in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghhom ta’ Prim Imhallef u Imhallef rispettivament tal-Qrati Superjuri ta’ Malta, billi offrew xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’ utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, lill-istess Prim Imhallef Noel Arrigo u lill-Imhallef Patrick Vella, li ghalihom, l-istess Prim Imhallef u Imhallef, ma kellhomx il-jedd, b’ dan li l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew ta’ l-offerta kien sabiex l-istess Prim Imhallef Noel Arrigo u l-Imhallef Patrick Vella naqsu li jaghmlu dak li hu fi dmir taghhom li jaghmlu, u b’ dan ukoll, illi barra milli l-istess Prim Imhallef Noel Arrigo u Imhallef Patrick Vella accettaw il-hlas, il-weghda jew offerta fil-fatt naqsu li jaghmlu dak li kien fid-dmir taghhom li jaghmlu ;

2. Weghdu, taw jew offrew, sew b’ mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi persuna, detentur ta’ kariga gudizzjarja u cioe’, il-Prim

Imhallef Noel Arrigo u l-Imhallef Patrick Vella, u dan sabiex iggeghlu lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor ;

3. F' Malta, assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f' Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu f' Malta d-delitti hawn fuq imsemmija li ghalihom hemm piena ta' prigunerija ;

4. Joseph Zammit wahdu gie akkuzat talli rcieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi persuna detentur ta' kariga gudizzjarja u cioe', il-Prim Imhallef Noel Arrigo u l-Imhallef Patrick Vella ;

5. L-istess Joseph Zammit wahdu, gie akkuzat ukoll talli b' mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamel qligh ta' madwar hamest elef lira Maltin (Lm 5,000) bi hsara ta' Mario Camilleri u/ jew persuni ohra;

6. Finalment Joseph Zammit u 'l Mario Camilleri wahidhom gew akkuzati, talli saru recidivi ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, b' sentenzi tal-Qrati ta' Malta diversament presjeduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 8 ta' Ottubru 2003 (esebita a fol. 849 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub ;

FIL-KONFRONT TA' MARIO CAMILLERI :

a) Fl-Artikoli 115 (b) (c), 120, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali ;

b) Fl-Artikoli 121A (1) (3), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali ;

c) Fl-Artikoli 48A, 115 (b) (c), 120, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali ;
d) Fl-Artikoli 48A, 121A (1) (3), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali ;
e) Fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ;

<u>FIL-KONFRONT TA' PIERRE CAMILLERI :</u>
a) Fl-Artikoli 115 (b) (c) u 120 tal-Kodici Kriminali ;
b) Fl-Artikolu 121A (1) (3) tal-Kodici Kriminali ;
c) Fl-Artikoli 48A, 115 (b) (c) u 120 tal-Kodici Kriminali ;
d) Fl-Artikoli 48 A u 121A (1) (3) tal-Kodici Kriminali ;
e) Fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ;

<u>FIL-KONFRONT TA' ANTHONY JOHN GRECH SANT</u>
a) Fl-Artikoli 115 (b) (c) u 120 tal-Kodici Kriminali ;
b) Fl-Artikolu 121A (1) (3) tal-Kodici Kriminali ;
c) Fl-Artikoli 48A, 115 (b) (c) u 120 tal-Kodici Kriminali ;
d) Fl-Artikoli 48 A u 121A (1) (3) tal-Kodici Kriminali ;
e) Fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2003, l-imputati Mario Camilleri, Pierre Camilleri u Anthony John Grech Sant iddikjaraw li huma m' ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Rat il-verbal taghha tal-11 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu fuq talba tal-Prosekuzzjoni l-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fis-sens illi l-kaz fil-konfronti ta' Joseph Zammit jigi trattat u gudikat separatament mill-kaz tal-imputati l-ohrajn u rat id-digriet taghha fejn laqghet din it-talba u ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju f'dan is-sens u b'hekk il-kawza tkompliet separatament fil-konfronti tal-imputati Mario Camilleri, Pierre Camilleri u Anthony John Grech Sant mill-kaz kontra Joseph Zammit li effettivament gie deciz fis-7 ta' April 2006.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma dawn li gejjin. Waqt investigazzjonijiet rigwardanti importazzjoni ta' droga li kienu qed isiru mis-Security Service dahlet informazzjoni dwar allegat tixhim ta' Imhallfin u saru xi intercettazzjonijiet telefonici mis-Security Service fir-rigward ta' din l-informazzjoni. Fis-7 ta' Lulju 2002 Herbert Agius L-Acting Director tas-Security Service (ara xhieda relattiva a fol. 138 sa 145 tal-process u a fol. 1013 u 1014 tal-process) ghadda din l-nformazzjoni lil Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, liema informazzjoni kienet konsistenti f'compact disc b'siltiet minn intercettazzjonijiet telefonici (Dok, HA1 a fol. 146) u traskrizzjoni tal-kontenut tal-istess compact disc (Dok. HA3 a fol. 150). Din l-informazzjoni kienet tirrigwarda sentenza li nghatat fil-konfronti tal-imputat odjern Mario Camilleri fil-5 ta' Lulju 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif kollegjalment komposta mill-Imhallef Patrick Vella, mill-Prim Imhallef Noel Arrigo u mill-Imhallef Joseph Filletti. Xi zmien qabel l-imsemmija data l-imputat odjern Mario Camilleri kien gie akkuzat b'diversi reati fosthom traffikar tad-droga, huwa kien ammetta dawn l-akkuzi u fil-11 ta' Gunju 2001 gie kkundannat mill-Qorti Kriminali ghal piena ta' sittax-il sena prigunerija. L-imsemmi Mario Camilleri appella minn din is-sentenza fejn talab ir-riduzzjoni tal-piena mposta mill-Qorti Kriminali. Mill-provi rrizulta li xi ftit ta' zmien qabel ma kellha tinghata s-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, l-imputat odjern Pierre Camilleri, li huwa iben l-imputat l-iehor Mario Camilleri, avvicina lil certu Joseph Zammit maghruf bhala s-Sei, li kif diga' ntqal fil-paragrafi precedenti kien ko-akkuzat fil-proeduri odjerni izda wara li saret talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju huwa ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u l-kaz tieghu gie deciz, u staqsih x'seta' jaghmel sabiex jghin lil missieru li kien wasal sabiex tinghata s-sentenza tieghu mill-Qorti tal-Appell. Mill-provi rrizulta wkoll li ftit tal-jiem wara li gie avvicinat minn Pierre Camilleri, Joseph Zammit avvicina lill-ex-Imhallef Patrick Vella u staqsieh jekk setax jghin lil Mario Camilleri u ghall-ewwel dan tal-ahhar ma kienx ser

jaccetta izda sussegwentement Joseph Zammt rega' avvicina lill-ex Imhallef Patrick Vella u qallu li Mario Camilleri kien lest ihallsu s-somma ta' Lm10,000 bhala kumpens sabiex jghinu fis-sentenza. Jirrizulta li l-ex Imhallef Patrick Vella accetta din l-offerta u nforma lil Joseph Zammit li s-sentenza kellha titnaqqas bi tlieta jew erba' snin prigunerija. Mill-provi rrizulta wkoll li l-ex Prim Imhallef Noel Arrigo kien ukoll gie avvicinat in kwantu jirrigwarda din is-sentenza li kellha tinghata fil-konfronti ta' Mario Camilleri kemm minn Joseph Zammit kif ukoll mill-imputat odjern Anthony Grech Sant. Joseph Zammit fil-fatt kien kellem lil Anthony Grech Sant li kien habib antik tal-ex Prim Imhallef Noel Arrigo u talbu sabiex ikellem lill-ex-Prim Imhallef u jaghmillu l-proposta li jghin lil Mario Camilleri ghal kumpens tas-somma ta' Lm10,000. Jirrizulta li Anthony Grech Sant avvicina lil ex-Prim Imhallef Noel Arrigo u offrielu l-imsemmija somma u talbu sabiex jghin lil Mario Camilleri fl-ghoti tas-sentenza u l-ex Prim Imhallef qal lil Anthony Grech Sant li kien ser jara x'jista' jaghmel sabiex jghinu. Irrizulta wkoll li fil-frattemp Joseph Zammit iddecieda li javvicina huwa personalment lill-ex-Prim Imhallef Noel Arrigo u jaghmillu l-istess proposta u l-ex Prim imhallef accetta li jghin lil Mario Camilleri. Xi jiem qabel kellha tinghata s-sentenza in kwistjoni (li vera kopja taghha tinsab inserita a fol. 248 sa 258 tal-atti processwali) jirrizulta li Joseph Zammit rega' ltaqa' mal-ex-Prim Imhallef Noel Arrigo li qallu definittivament li kienu ser jirrangawlu. Mill-provi u mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rrizulta li l-Imhallef Joseph Filletti, li kien it-tielet Imhallef li kien jifforma parti mill-Qorti tal-Appell Kriminali qatt ma gie avvicinat dwar il-kaz.

Fil-5 ta' Lulju 2002 il-Qorti tal-Appell Kriminali komposta kollegjalment kif hawn fuq ismemmi, tat is-sentenza fil-konfronti ta' Mario Camilleri u l-piena ta' prigunerija ta' sittax il-sena giet sostitwita b'wahda ta' tnax-il sena prigunerija. Dakinhar li nghatat is-sentenza l-ex Imhallef Patrick Vella cempel lil Joseph Zammit u staqsih x'hin seta' jghaddi ghal flus u f'dan l-istadju Joseph Zammit infurmah li kien ser jaghtih biss is-somma ta' Lm5,000 u fil-fatt xi saghtejn wara li saret din it-telefonata l-ex Imhallef Patrick Vella ghadda ghal flus vicin ir-residenza

ta’ Zammit il-Belt Valletta u Joseph Zammit ghaddielu envelope bis-somma ta’ Lm5,000. Fl-imsemmija gurnata wara li nghatat is-sentenza Joseph Zammit mar jistenna lill-ex Prim Imhallef Noel Arrigo hdejn l-ufficcju tieghu gewwa Strada Forni l-Belt Valletta akkompanjat minn Pierre Camilleri sabiex jghaddielu l-kumpens ta’ Lm5,000 talli ghen lil Mario Camilleri.

Ikkunsidrat :

Illi f’dan il-kaz il-Prosekuzzjoni qed issus il-kaz taghha fuq ix-xhieda ta’ Joseph Zammit li wara li inghatat is-sentenza fil-konfronti tieghu xehed fil-proceduri odjerni u fuq l-intercettazzjonijiet telefonici ta’ aktar minn hamsin telefonata li t-traskrizzjoni taghhom tinsab inserita a fol. 150 tal-atti proceswali kif ukoll fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Anthony John Grech Sant (esebita a fol. 103 sa 109 tal-atti processwali).

**Joseph Zammit** xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenzi tat-30 ta’ Mejju 2007 (xhieda relattiva inserita a fol. 1221 sa 1246 tal-atti processwali), waqt dik tal-5 ta’ Dicembru 2007 (xhieda relattiva inserita a fol. 1267 sa 1293), waqt l-udjenza tat-18 ta’ Marzu 2008 (xhieda relativa inserita a fol. 1300 sa 1308) u waqt l-udjenza tas-17 ta’ April 2008 (xhieda relattiva inserita a fol. 1315 sa sa 1329 tal-atti processwali). Meta xehed fl-udjenza tat-30 ta’ Mejju 2007 Joseph Zammit ghamel referenza ghal sentenza li kienet inghatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif kollegjalment komposta mill-Ex Prim Imhallef Noel Arrigo, mill-ex-Imhallef Patrick Vella u mill-Imhallef Joseph Filletti fil-5 ta’ Lulju 2002 fil-konfronti ta’ Mario Camilleri u spjega li xi ftit taz-zmien qabel ma kellha tinghata din is-sentenza kien avvicinah Pierre Camilleri f’aktar minn okkazjoni wahda u kien talbu jghin lil missieru Mario Camilleri sabiex jigi mnaqqas il-perjodu ta’ prigunerija ta’ sittax-il sena li kien gie mpost fuqu permezz tal-imsemmija sentenza. Zammit jghid li huwa kien mar ikellem lill-imputat Anthony Grech Sant u qallu li xtaq ikellem lill-ex-Prim Imhallef Noel Arrigo izda ma spjegalux dwar x’hiex xtaq ikellmu. Dan Grech Sant cempel lil ex-Prim Imhallef izda gie nfurmat li kien ser isiefer. Joseph Zammit isostni li huwa mbaghad mar

ikellem lil Ex-Prim Imhallef wahdu u wara mar ikellem ukoll lill-ex Imhallef Patrick Vella. Zammit jghid li huwa kien avvicina lil Grech Sant ghaliex kien jaf li dan tal-ahhar kien habib kbir tal-ex-Prim Imhallef izda qal li ma nfurmahx dwar x'hiex xtaq ikellmu u l-anqas qallu li eventwalment mar ikellmu. Huwa qal ukoll li l-ewwel darba li kellem lill-ex-Imhallef Patrick Vella sabiex titnaqqas parti mis-sentenza dan m'accettax izda mbaghad iltaqa' mieghu f'okkazjoni ohra u l-ex Imhallef Patrick Vella qallu li kien ser jghinu u li kienu ser jitnaqsu bejn tlieta u erba' snin u l-ex-Imhallef Patrick Vella kien accetta li jinghata somma ta' Lm10,000 sabiex isir dan it-tnaqqis. Zammit qal ukoll li kien kellem lill-ex-Prim Imhallef Noel Arrigo u kien talbu l-istess haga li talab lill-ex Imhallef Patrick Vella u semmielu s-somma ta Lm10,000 u l-Ex–Prim Imhallef kien accetta li jghinu izda skond Zammit dan qiesu ma riedx flus. Zammit jispjega li huwa kien informa lill-imputat Pierre Camilleri b'dan kollu u dan kien qed jinforma lil missieru Mario Camilleri dwar dak li kien qed jigri. Wara li inghatat is-sentenza fejn gew imnaqsa erba' snin mis-sittax-il sena prigunerija li kienu originarjament gew imposti mill-Qorti Kriminali Joseph Zammit jghid li dik il-gurnata li nghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, f'xi hin wara nofsinhar cempillu l-ex-Imhallef Patrick Vella sabiex jistaqsih dwar il-flus li kellhom jinghataw lilu u gie miftiehem li dan tal-ahhar kellu jmur id-dar tieghu (ta' Zammit) sabiex jigbor il-flus. Zammit jispjega li Pierre Camilleri hadlu biss is-somma ta Lm5,000 ghal kull Imhallef u mhux Lm10,000 kif kien originarjament miftiehem u meta huwa ghadda is-somma ta' Lm5,000 lill-Ex-Imhallef Patrick Vella hdejn id-dar tieghu kien hemm prezenti wkoll Pierre Camilleri. Huwa jghid ukoll li kien mar ghand l-imputat Anthony Grech Sant sabiex jghaddielu l-ammont dovut lill-ex-Prim Imhallef Noel Arigo izda Anthony Grech Sant qallu li ma riedx ikun involut fil-kwistjoni u ghalhekk Zammit jispjega li huwa mar flimkien ma Pierre Camilleri sabiex jikkonsenja is-somma ta' Lm6,000 personalment lill-Ex-Prim Imhallef Noel Arrigo u din il-konsenja saret hdejn l-ufficcju tal-kumpanija ta' dan tal-ahhar fi Strada Forni. Dejjem skond Zammit l-Ex Prim Imhallef qalilhom sabiex il-kumplament tal-flus jaghtuhom lil fqar. Zammit spjega wkoll li hu u Pierre

Camilleri lil Mario Camilleri kienu qalulu li kellhom ikunu nvoluti tlett Imhallfin, u dan ghaliex l-ex-Imhalef Patrick Vella kien qal lil Zammit halli kollox f'idi, izda fil-fatt kienu nvoluti zewg Imhallfin biss u l-Imhallef Joseph Filletti qatt ma kien avvicinat jew involut fil-kwistjoni. Joseph Zammit ikkonferma wkoll li dakinhar li nghatat is-sentenza in kwistjoni huwa kien kellem lill-imputat Anthony Grech Sant izda qal li dan tal-ahhar ma kienx involut fil-kwistjoni. F'dam l-istadju id-deposizjoni giet sospiza sabiex ikunu jistghu jissemmghu lix-xhud siltiet mill-intercettazzjonijiet telefonici li saret referenza ghalihom aktar il-fuq u li t-traskrizzjonijiet taghhom jinsabu nseriti a fol. 150 tal-process.

Dawn is-siltiet fil-fatt instemghu fl-udjenza tal-5 ta' Dicembru 2007 fejn ix-xhud Joseph Zammit identifika l-vuci tieghu kif ukoll il-vucijiet tal-imputat Pierre Camilleri, tal-imputat Mario Camilleri, tal-imputat Anthony Grech Sant kif ukoll dik tal-ex-Imhallef Patrick Vella f'varji konversazzjonijiet telefonici li huwa kellu ma dawn tal-ahhar. F'din l-udjenza inqrat lix-xhud id-deposizjoni moghtija minnu fit-3 ta' Frar 2006 meta huwa xehed bhala imputat fil-proceduri mehuda fil-konfronti tieghu, (vera kopja ta' din ix-xhieda tinsab inserita a fol. 1210 sa 1220 tal-process) fejn Joseph Zammit ikkonferma in toto dak kollu li kien qal quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta.

Meta xehed fit-3 ta' Frar 2006 Joseph Zammit qal illi kien avvicinah Pierre Camilleri u talbu sabiex ikellem lill-Imhallef Patrick Vella u dana peress illi huwa kien ikellem lill-Imhallef Patrick Vella barra t-triq, Strada Irjali, u gieli wkoll hdejn Cordina.  Zammit xehed illi Pierre Camilleri kien gie ifittxu d-dar u anke il-kazin tal-Football il-Belt.  Gie iffittxu kemm il-darba sabiex jipprova ikellimlu lill-Imhallef Patrick Vella biex jghin lil missieru Mario Camilleri u dana sabiex Mario Camilleri johrog mill-habs u joqghod bil-ghaqal.  Zammit xehed illi huwa kien qal lil Pierre Camilleri illi huwa ma kienx ikellem lil Patrick Vella fuq dawn l-affarijiet izda Pierre Camilleri baqa' jinsisti.  Wasal l-appell u kien talbu jaghmillu pjacir u ikellem lill-Imhallef Patrick Vella.  Zammit xehed illi kien avvincina lil Grech Sant u

talbu ikellimlu lill-Prim Imhallef Noel Arrigo u spjegalu l-kaz kif kien. Huwa xehed illi Grech Sant kien cempel lil ex-Prim Imhallef Noel Arrigo li kien ser isiefer u qallu, "Umbaghad inkellmek". Huwa kien qal lil Grech Sant illi Pierre Camilleri kien lest li jaghtihom drink lill-Imhallfin. Effettivament Pierre Camilleri kien qallu biex jghid lil Grech Sant li Mario Camilleri kien bi hsiebu joffri s-somma ta' ghaxar telef lira lill-Ex Prim Imhallef Arrigo u lill-Ex Imhallef Patrick Vella, li kien dispost jaghtihom ghaxar telef lira drink. Zammit kompla jixhed illi huwa kien ukoll habib mal-Ex Prim Imhallef Noel Arrigo u wara li kien kellmu Grech Sant hu wkoll kien kellmu u qallu "ghandi habib tieghi tista' tghinu ftit?" u Arrigo wiegbu "jekk ikun hemm minn fejn nghinu, jekk ghandu sentenza nghinuh", u hu kien qal lil Arrigo li Mario Camilleri kien lest jaghtih drink ta' ghaxart elef lira u li kien qallu biex jghidlu hekk Mario Camilleri tramite ibnu Pierre Camilleri. Zammit xehed illi ma kienitx l-ewwel darba li semma lil Ex Prim Imhallef Arrigo dwar id-drink ta' ghaxar telef lira. Huwa xehed illi lil Arrigo kien kellmu dwar dan il-kaz xi darbtejn. Zammit kompla jixhed li Pierre Camilleri sussegwentement kien qallu biex lil Ex Imhallef Vella jaghtih hamest elef lira u mhux ghaxart elef lira u hu kien informa b'dan lil Ex Imhallef Vella xi jumejn, tlieta qabel is-sentenza u l-Ex Imhallef Vella kien qallu "le ahna mhux hekk ftehmna, ghaxar telef lira trid taghtini u mhux hames telef ghax inti hekk ghidtli fil-bidu". Zammit kompla jixhed illi Pierre Camilleri kien tah x'jifhem li kien ser jaghtih xi haga minn dawn il-flus u mhux l-ghaxar telef lira kollha. Pero' fil-bidu nett Pierre Camilleri kien weghdu ghaxar telef lira. Zammit kompla jixhed li lil Mario Camilleri ma tantx kien jafu u ghamel dak li ghamel biex jghinu. Allura meta tah elfejn lira, flok ghaxar telef, lira huwa accettahom, ma setgha jaghmel xejn. Meta inghatat is-sentenza cempillu Pierre Camilleri u qallu "ma ghandix dawk il-flus x'naghtihom lill-Imhallfin" u ghalhekk huwa cempel lil Grech Sant u qallu illi Pierre Camilleri ma kienx tah ghaxart elef lira ghal Ex Prim Imhallef Arrigo, izda hamest elef u Grech Sant qallu li huwa mhux hekk kien ftiehem mal-Prim Imhallef u ghalhekk ma riedx jidhol fiha aktar. Joseph Zammit kompla jixhed illi hu u Pierre Camilleri kienu taw is-somma ta' hames telef lira lil Grech

Sant, Pierre kien tefaghhomlu fuq l-iskrivanija fil-prezenza tieghu. Grech Sant beda jibza', qisu ma riedx jaccetthom u huwa qallu illi Pierre Camilleri ma kienx fdah u ried jigi mieghu. Zammit xehed illi Pierre Camilleri lilu tah is-somma ta' elfejn lira ghas-sehem tieghu f'dan kollu. Zammit kompla jixhed illi l-ex Imhallef Vella kien cempillu ghall-flus wara s-sentenza u hu kien qallu li kien hemm prezenti t-tifel ta' Mario, Pierre Camilleri li kien ser jaghtih il-flus hu. Izda l-ex Imhallef Vella qallu "le l-flus aghtihomli inti u mhux Pierre, iddahhalnix ma' Pierre, jien lilek naf". Zammit xehed illi mhux veru illi Pierre Camilleri tah is-somma ta' hamest elef lira ghalih personali, izda tah biss is-somma ta' elfejn lira. Hu kien qal lill-pulizija fl-istqarrija li Pierre kien tah is-somma ta' hames telef lira ghaliex ried jevita lil Pierre l-inkwiet ma' missieru Mario Camilleri. Zammit kompla jixhed illi huwa beza minn Pierre Camilleri u minn Mario Camilleri, beza illi setghu iqabbdu lil xi nies biex jaghmlulu d-deni ghaliex darba minnhom xi hadd kien sparalu fuq id-dar u fuq il-vettura tieghu permezz ta' senter. Dan l-incident gara xi ghaxar snin qabel dan il-kaz u allura dejjem baqa' jibza' li l-istorja tirrepeti ruhha u kien ghalhekk li beza minn Pierre u Mario Camilleri. Wara s-sentenza Pierre Camilleri tah hames mitt lira ohra sabiex b'hekk b'kollox ha ghalih is-somma ta' elfejn u hames mitt lira. Zammit xehed li Mario Camilleri ma kienx icempel lilu personalment, kien icempel lil ibnu Pierre Camilleri u Pierre Camilleri kien jghaddilu t-telefon u hu kien ikellem lil Mario Camilleri u ghalhekk il-pressjoni ma gietx minghand Pierre Camilleri biss, izda anke minghand Mario Camilleri. Huwa ammetta li zbalja u li qatt iktar ma hu ser jirreppeti dan l-agir tieghu. Huwa ammetta li Pierre Camilleri qatt ma heddu b'hajtu, jew bil-hajja tal-familjari tieghu, izda hu xorta wahda beza illi jekk ma jghinx lil missieru dan setgha jaghmillu xi haga u dana minhabba l-incident li kien gralu ghaxar snin qabel. Huwa xehed illi ihoss li hallas ta' dak li ghamel ghaliex ghamel hames xhur taht arrest preventiv u baghtha ghaliex anke meta kien johrog fit-triq kien jisthi minn nies. Fil-fatt ghamel zmien twil ma johrogx minhabba f'din ir-raguni. Zammit xehed ukoll illi l-ewwel darba li kellem lil Ex Imhallef Vella dan kien qallu li ma setax jghinu u li ma riedtx jghinu, izda it-tieni darba kien l-ex Imhallef Vella li avvicinah u qallu "dik all right?"

Xehed ukoll illi l-ex Imhallef Arrigo kien rah Strada Irjali u kien qallu “bongu” u kien ghalhekk illi hu rega’ ghamel il-kuragg u rega’ kellmu u staqsih x’kien ser jaghmillu fuq dik il-bicca tax-xoghol u l-ex Imhallef Arrigo kien qallu “Ser nirrangalek”. Zammit spjega li kien jaf lil ex Imhallef Vella peress illi hu kien joqghod hdejn ommu u kien jaf lil ex Prim Imhallef ghaliex dan kien ikun ghand Grech Sant spiss u hu wkoll kien ikun hemm hekk u allura kien ikellem lil Arrigo ta’ spiss. Lil Arrigo kien ilu jafu wkoll zmien twil ghaliex kien President tal-club tal-football tal-Furjana. Zammit xehed ukoll illi huwa kien qal lil ex Imhallef Vella illi kien taht pressjoni minn Mario u minn Pierre Camilleri u kien qal ukoll b’dan lil Grech Sant. Huwa xehed illi l-flus kienu hajruh ghaliex riedhom biex ihallas xi ftit mid-dejn illi kellu. Pero’ l-flus hadhom wara li inghatat is-sentenza u mhux qabel. Huwa qal illi xorta kien jaghmel dak li ghamel li kieku ma thallasx ghaliex huwa kien qieghed jagixxi taht pressjoni. Zammit kompla jixhed illi fil-Qorti kienu instemghu diversi recordings ta’ telefonati u dawn ir-recordings kienu semmghuhomlu wkoll il-pulizija waqt li kien arrestat id-depot. Huwa xehed illi waqt dawn ir-recordings hemm diversi telefonati, jinstema hu jitkellem ma’ Mario Camilleri, jitkellem ukoll ma’ Pierre Camilleri, ma’ Anthony Grech Sant u ma’ l-ex Imhallef Patrick Vella meta dan kien cempillu ghall-flus. Huwa xehed illi fl-istqarrija li kien ta lill-pulizija kien qal lill-pulizija li ghaxart elef kienu lesti ghall-ex Imhallef Patrick Vella, ghaxart elef ohra lesti ghall-ex Prim Imhallef Noel Arrigo u hu u Pierre Camilleri kienu tkellmu dwar ghaxart elef lira ohra li lil Mario Camilleri kienu qalulu li kienu ghall-Imhallef Filletti, meta effettivament hu u Pierre Camilleri kienu ftehmu li jaqsmuhom bejniethom, jigifieri hamest elef hu u hamest elef Pierre Camilleri u dan kollu minn wara dar Mario Camilleri, li kien minghalih li dawn il-flus kienu ghall-Imhallef Filletti. Izda darba minnhom hu kien ma’ Pierre Camilleri, cempillu missieru Mario Camilleri u talab li jkellmu, jigifieri lil Zammit, u Mario Camilleri kien qal lil Zammit li ma kellux dawk il-flus kollha u li kellu jirranga mieghu Pierre Camilleri kien qal lil Zammit “issa ingiblek in-nofs”, jigifieri hames telef lira ghal kull Imhallef. Zammit kompla jixhed illi saghtejn jew tlieta wara li inghatat is-sentenza Pierre Camilleri kien gie fejn id-dar, cempel xi

darbtejn l-ex Imhallef Patrick Vella u Pierre Camilleri kien gablu s-somma ta’ hames telef lira ghal Patrick Vella u envelope ohra ghal ex Prim Imhallef Noel Arrigo. Dakinhar wara s-sentenza Pierre Camilleri kien ghadda ghand il-mara ta’ missieru u gabar is-somma ta’ hmistax-il elf lira, hames telef lira kienet ghal ex Imhallef Vella, hames telef lira ghal ex Prim Imhallef Arrigo u hames telef lira ohra kellu jaqsmuha hu u Pierre Camilleri. Dwar Grech Sant, Joseph Zammit xehed illi meta hu u Pierre Camilleri marru ghand Grech Sant u hallewlu l-flus dan ma kienx accetthom ghaliex ma kienux ghaxar telef lira, izda hames telef lira u ma riedx ikollu iktar x’jaqsam ma din il-bicca xoghol u ghalhekk Grech Sant kien dar fuqu u qallu “Mela issa ghaffigha int, la mhux l-ammont li ftehmna”, qallu “ghax jiena ma irridx naqa ta’ mazetta mal-Prim Imhallef Arrigo” u ghalhekk kellu bil-fors jghaddi l-flus hu stess lil Ex Prim Imhallef Arrigo u dan ghamlu fil-prezenza ta’ Pierre Camilleri. Zammit kompla jispjega illi hu u Pierre Camilleri kienu iltaqghu ma’ l-ex Prim Imhallef Noel Arrigo fejn l-ufficcju ta’ Grech Sant. Il-Prim Imhallef kien niezel u hu u Pierre Camilleri ghaddewlu l-envelope bil-hamest elef lira flus fiha. L-envelope tal-flus kienet f’idejn Pierre Camilleri u Pierre ta’ l-envelope lil Zammit u Zammit ghadda l-envelope bil-flus go fihom lil Ex Prim Imhallef Noel Arrigo, li ha l-envelope li fiha kien hemm is-somma ta’ hamest elef lira fi flus in kontanti, baqa’ sejjer u ma kellmux iktar lil Zammit. Xi jumejn wara l-Ex Prim Imhallef kien fit-triq u hu u Pierre Camilleri kienu fil-karozza u kif waqfu ezatt fil-kantuniera fejn kien hemm il-Prim Imhallef Arrigo fit-triq u hu qallu “all right?” u l-ex Prim Imhallef tbaxxa u lil Pierre Camilleri qallu “ir-rimanenti tal-flus jiena ma inridhomx, ghatuhom lill-karita” u hu dak il-hin qal lil Arrigo fil-prezenza ta’ Pierre Camilleri “Mela mhux bhal l-iehor” b’referenza ghal Patrick Vella “ghax dak tghidx kemm gerger ghax ma tajnihx l-ghaxart elef lira kollha”. Zammit spjega li dan kollu johrog mit-tape recordings li ghandhom il-pulizija tad-diskors li sar fuq il-mobile phone. Huwa xehed li Arrigo ma ikkummenta xejn dwar l-ex Imhallef Patrick Vella, huma kellhom il-karozzi quddiemhom u ghalhekk baqghu sejrin. Zammit kompla jixhed li l-ex Imhallef Patrick Vella kien gie ghal hamest elef lira fejn id-dar tieghu il-Belt, kien gie b’karozza ta’

lewn blu, ta' l-ghamla Opel u kien wahdu. Zammit kompla jixhed illi dakinhar filghodu qabel ma inghatat is-sentenza l-ex Imhallef Vella kien gie id-dar tieghu ghall-flus, riedhom qabel ma tinghata s-sentenza u dak il-hin hu kellu mieghu lil Pierre Camilleri u lit-tifel iz-zghir ta' Mario Camilleri. Dak il-hin Pierre Camilleri qallu biex jghid lil Patrick Vella li l-flus kienu ser jaghtuhomlu wara s-sentenza u mhux qabel u hu qal b'dan lil ex Imhallef Vella u l-ex Imhallef Vella qallu "mela tlaqt narak wara li naghti s-sentenza". Umbaghad l-ex Imhallef Vella cempillu ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar u kien dak il-hin li hu infurmah illi s-somma ma kinitx ta' ghaxart elef lira, izda kienet ta' hamest elef lira u infurmah ukoll li kien hemm prezenti fid-dar tieghu Pierre Camilleri. Huwa xehed illi l-ex Imhallef Patrick Vella beda ikellmu hazin u jirrabja hafna talli ma kienx ser jaghtih is-somma ta' ghaxart elef, izda ta' hamest elef lira u hu qallu "hawn Pierre Camilleri, kellem lilu jiena ma ghandi interess ta' xejn". Izda l-ex Imhallef Vella qallu "le jiena lilek naf" u qallu "Pierre jaghti l-flus lilek u inti ghatihom lili". Effettivament l-ex Imhallef Vella gie ghall-flus ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar, huwa qallu li kien hemm Pierre Camilleri, izda l-ex Imhallef Vella qallu li ma riedx ikellmu u ha l-envelope bil-flus u telaq. Zammit kompla jixhed illi l-ex Imhallef Vella qatt ma kien cempillu wara biex jitolbu ir-rimanenti hamest elef lira. Hu kien qal lil Vella illi kienu ser jghaddulu ir-rimanenti hamest elef lira xahrejn wara. Zammit kompla jixhed illi xi zmien qabel ma inghatat is-sentenza kien iltaqa' mal-ex Imhallef Patrick Vella fi Strada Stretta il-Belt, qabdu jitkellmu u kien rahom is-Supretendent Pierre Calleja. Spjega li hu u l-Imhallef Vella kienu Strada Stretta u s-Supretendent Calleja u shabu ghaddew minn Strada Santa Lucija. Zammit xehed illi sellem lis-Supretendent Calleja, li sellimlu lura u baqa' ghaddej. Zammit xehed illi meta cempillu l-ex Imhallef Vella ghall-flus kien qallu li kien qieghed x'imkien Bugibba. Kien qallu li kien ma' xi nies tal-Qorti qeghdin jieklu flimkien u qallu "siegha u nofs ohra inkun ghandek id-dar".

Joseph Zammit xehed ukoll fl-udjenza tat-18 ta' Marzu 2008 fejn sarlu kontro-ezami mid-Difiza tal-imputat

Anthony Grech Sant. Huwa hawnhekk qal li in kwantu jirrigwarda Anthony Grech Sant qatt ma pretenda li kellu jithalla xi flus ghall-involviment tieghu u hadd qatt ma ofrielu flus. Huwa qal ukoll li fl-ufficcju ta’ Anthony Grech Sant kienu jmorru diversi nies li kienu anki kontinwament juzaw il-linja tat-telephone ta’ Grech Sant. Huwa kkonferma wkoll li lill-Ex Prim Imhallef Noel Arigo u lill-ex-Imhallef Patrick Vella kien jafhom personalment. Joseph Zammit xehed ukoll fl-udjenza tas-17 ta’ April 2008 fejn sarlu l-kontro-ezami mid-Difiza tal-imputati Pierre Camilleri u Mario Camilleri fejn huwa innega li kien hu li fil-fatt kien avvicina lil Pierre Camilleri rigward is-sentenza ta’ sittax-il sena prigunerija imposta fuq Mario Camilleri izda qal ukoll li hu qatt ma gie mhedded mill-imputati Camilleri izda kienet saritlu pressjoni minn dawn tal-ahhar sabiex jghinhom. Huwa rribadixxa wkoll li thallas Lm2,500 jew Lm3,000 ghall-involviment tieghu u z-zewg Imhallfin involuti kienu mweghda li jiehdu Lm10,000 kull wiehed. Joseph Zammit innega li meta kien qed jiskonta s-sentenza fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin kien baghat risposta lil Mario Camilleri li jekk jaghtih il-flus huwa kien jaccetta li ma jixhidx fil-konfronti tieghu.

L-imputat **Anthony Grech Sant** ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri izda fil-31 ta’ Lulju 2002 kien irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 103 sa 109 tal-process) fejn kien ghazel li jirrispondi ghad-domandi li sarulu. Fl-imsemmija stqarrija huwa qal li kien ilu jaf lil Joseph Zammit maghruf bhala s-sei sa mill-1978 u qal li dan tal-ahhar ma kienx habib tieghu izda kien imur l-ufficcju tieghu li jinsab fi Strada Stretta l-Belt Valletta. Huwa qal ukoll li lil Mario Camilleri ma kienx jafu u li lil Pierre Camilleri ltaqa mieghu f’zewg okkazzjonijiet. Huwa spjega li xi xhur qabel Joseph Zammit kien talbu sabiex jghin lil habib tieghu Mario Camilleri li kienet ser tinghata sentenza fil-konfronti tieghu mill-Qorti tal-Appell. L-ghajnuna kellha tikkonsisti fi tnaqqis fil-piena u ta’ din l-ghajnuna kienu lesti joffru s-somma ta’ Lm10,000. Huwa qal ukoll li Joseph Zammit mar ikellmu madwar tlett darbiet dwar din il-kwistjoni u huwa mbaghad kellem lill-Prim Imhallef Noel Arrigo u qallu li kienu lesti joffru Lm10,000 ghat-tnaqqis fil-piena u dan tal-ahhar irrisponda li kien ser jara x’jista’ jaghmel izda ma riedx

flus. Huwa qal li b'dan id-diskors li kien sar mal-Prim Imhallef kien informa lil Joseph Zammit u spjega ulterjorment li lil Prim Imhallef Noel Arrigo huwa kien kellmu f'okkazzjoni wahda dwar din il-kwistjoni u dan kien f'Gunju 2002, xi gimghat qabel ma kellha tinghata s-sentenza in kwistjoni. Huwa issemma' silta minn intercettazzjoni telefonika fejn instema' jitkellem ma' Pierre Camilleri u Joseph Zammit u kkonferma li huwa kien qalilhom li gjaladarba huma ma kienux qed jonoraw il-ftehim u jhallsu lil Prim Imhallef is-somma ta Lm10,000 izda kienu ser ihallsu biss is-somma ta' Lm5,000, huwa ma riedx jibqa' aktar involut fil-kwistjoni, ma kienx ser jaccetta aktar il-flus u huma kellhom imorru jaghtu l-flus direttament lil Prim Imhallef Arrigo. Anthony Grech Sant spjega wkoll li Joseph Zammit kien ltaqa' f'zewg okkazzjonijiet mal-Prim Imhallef dwar din il-kwistjoni fejn il-Prim Imhallef kien accetta li jghin lil Joseph Zammit ghas-somma ta' Lm10,000 izda qal li ma kienx hu (u cioe' Grech Sant) li rranga dawn iz-zewg inkontri bejn il-Prim Imhallef Noel Arrigo u Joseph Zammit. Huwa qal ukoll li ma kienx jaf kemm-il sena kienet ser titnaqqas mill-piena inflitta fuq Mario Camilleri u spjega i l-anqas kien jaf jekk Joseph Zammit kienx a konoxxenza ta' dan il-fatt. Grech Sant qal ukoll li dakinhar li inghatat is-sentenza, f'xi hin wara nofsinhar kien cempillu Joseph Zammit u spjegalu li kien hemm xi problema dwar il-flus ghaliex setghu ihallsu biss Lm5,000 u mhux Lm10,000 u l-bqija tal-flus miftehma kienu ser jithallsu aktar tard u huwa qal li ma kienx ha is-somma ta' Lm5,000 sabiex jghaddiha lil Prim Imhallef Noel Arrigo ghaliex din ma kienitx is-somma miftehma bejn Camilleri u Zammit min-naha u l-Prim Imhallef min-naha l-ohra. Meta gie mistoqsi is-segwenti domanda :-

*D. Allura jekk kif qed tghid inti fil-bidu il-Prim Imhallef kien qallek li kien lest li jghin minghajr hlas, ghaliex ridt Lm10,000 ghaliex il-Lm5,000 m'accettajthomx u esigejt is-somma ta' Lm10,000, inkella jmorru jafaccjawh huma ?*

*R. Ghax ma ridtx nibqa' delivery man u ridt infarfar minnha peress li ma gabux is-somma miftehma u barra minn hekk Joe lili kien qalli li hekk kienu ftehmu bejnu u l-Prim Imhallef.*

*D. Imma li tak Lm10,000 ma kontx tfarfar minnha, izda kont tmur ittihomlu, sewwa nghidu ?*

*R. Iva.*

Fl-imsemmija stqarrija Anthony Grech Sant qal ukoll li ma kienx jaf li kien hemm xi Mhallfin ohra nvoluti fil-kwistjoni u qal ukoll li wara Joseph Zammit kien mar jghidlu li kien ikkonsenja il-Lm5,000 lil Ex-Prim Imhallef. Huwa spjega li lil ex-Prim Imhallef kien iltaqa' mieghu darbtejn wara l-5 ta' Lulju 2002 izda ma kienux tkellmu dwar il-kwistjoni tal-Lm5,000. Huwa qal ukoll li lil Pierre Camilleri kien ltaqa' mieghu f'zewg okkazzjonijiet u kien gie introdott lilu minn Joseph Zammit bhala t-tifel ta' Mario Camilleri, huwa qal li kien anki kellmu fuq it-telephone skond ma jirrizulta mis-silta telefonika intercettata li isemmghat lilu mill-Pulizija waqt li kien qed jirrilaxxja l-istqarrija.  Grech Sant ikkonferma wkoll li fir-recordings telefonici li semmghulu meta jissemma Noel kienu qed jirreferu ghal Prim Imhallef u meta kienu qed jghidu  hamsa jew ghaxra dawn kienu qed ifissru Lm5,000 u Lm10,000.  Anthony Grech Sant qal ukoll li kien cempel lil Prim Iimhallef sabiex jinfurmah li kienu ser ihallsuh Lm5,000 biss u mhux Lm10,000 kif miftiehem izda jghid li ma jiftakarx x'kien qallu l-Prim Imhallef fir-rigward.

L-imputat **Mario Camilleri** ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri. Fis-7 ta' Awwissu 2002 huwa kien irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 116 sa 119 tal-atti processwali) fejn ghazel li ma jwegibx ghal prattikament id-domandi kollha li sarulu.

L-imputat **Pierre Camilleri** ghazel li ma jixhidx f'dawn il-poceduri. Fil-31 ta' Lulju 2002 huwa kien irrrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 109 sa 114 tal-proceduri) fejn huwa ghazel li ma jwegibx ghal kwazi d-domandi kollha li sarulu.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga' indikat aktar il-fuq fir-rinviju tal-Artikoli (nota relattiva inserita a fol. 849 tal-process) l-Avukat Generali indika li fil-konfronti tat-tlett imputati jistghu jinstabu htija jew htijiet taht is-segwenti artikoli tal-ligi :-

1. 115(b) u (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema artikolu jitratta dwar korruzzjoni minn ufficjal jew impjegat pubbliku in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu;
2. 120 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, liema artikolu jirrendi lil min jikkorrompi lil ufficjal jew impjegat pubbliku bhlala komplici mal-istess ufficjal jew impjegat pubbliku u jitkellem dwar il-piena applikabbli ghal tali persuna;
3. 121A(1) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema artikolu jitratta dwar meta persuna tuza l-influwenza li jkollha;
4. 48A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema artikolu jitratta dwar l-assocjazzjoni ta’ zew persuni jew aktar bil-ghan li jaghmlu delitt.

Fil-konfronti tal-imputat Mario Camilleri biss l-Avukat Generali deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema artikoli jitrattaw dwar ir-recidiva.

Il-Qorti jidrilha li ghandha tikkunsidra dawn l-Artikoli tal-ligi wiehed wiehed sabiex tistabbilixxi jekk il-fattispeci ta’ dan il-kaz jinkwadrawx ruhom fir-reati kontemplati fl-imsemmija artikoli u dan wara li tkun hadet in konsiderazzjoni is-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza fir-rigward.

L-Artikolu 115 jitratta dwar korruzzjoni minn ufficjal jew impjegat pubbliku u jaqra hekk :-

*Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, jitlob, jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd, jehel meta jinstab hati :-*

*(a) jekk l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew ta’ l-offerta, ikun sabiex l-ufficjal jew l-impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta’ prigunerija minn ……….. ;*
*(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jonqos li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, ghall-*

*fatt biss li jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, il-piena ta' prigunerija minn………..;*
*(c) jekk barra milli jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, l-ufficjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas milli jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn …………...*

Kif diga' ntqal aktar il-fuq l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tal-artikoli invoka biss is-subincizi (b) u (c) tal-artikolu 115 u ghalhekk il-Qorti sejra biss tiehu in konsiderazzjoni dawn is-sub-incizi ghal finijiet ta' sejbien ta' htija o meno. L-Avukat Generali iccita wkoll l-artikolu 120 tal-Kap. 9 liema artikolu jipprovdi li l-persuna li itkkorrompi ufficjal jew impjegat pubbliku fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 115 titqies li hija komplici. Stante li l-imsemmi Artikolu 120 japplika ghal koruttur u l-piena hija bbazata fuq l-att tal-korrott huwa necessarju li jsir ezami tal-azzjonijiet tal-ufficcjal pubbliku sabiex jigi determinat jekk tirrizultax il-komplicita' tal-korruttur.

L-Artikolu 115(b) jitkellem fuq l-iskop li ghalih isir hlas, weghda jew offerta u sabiex jissussisti r-reat kontemplat fis-sub-inciz (b) tal-paragrafu 115 jehtieg li l-iskop li ghalih ikun sar il-hlas, il-weghda jew l-offerta tkun sabiex jinduci lill-ufficjal pubbliku li jonqos milli jaghmel id-dmir tieghu. Il-Prosekuzzjoni trid ghalhekk tipprova li kien hemm skop u li l-weghda giet accettata. Is-sub-inciz (c) tal-Artikolu 115 imbaghad jitratta l-kazijiet fejn l-ufficjal pubbliku jkun filffatt naqas milli jaghmel id-dmir tieghu wara li jkun sar lilu hlas weghda jew offerta. Fil-kaz tas-sub-inciz (c) allura l-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-ufficjal pubbliku ikun fil-fatt naqas milli jaghmel dak li huwa fid-dmir tieghu li jaghmel.

Illi fl-esposizzjoni tal-fatti li saret aktar 'il fuq diga' gie indikat li l-kaz odjern jinvolvi zewg gudikanti li fil-5 ta' Lulju 2002 kienu qed jipresjedu l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) meta inghatat sentenza fil-konfronti ta' wiehed mill-imputati odjerni, u cioe' Mario Camilleri fejn piena karcerarja ta' sittax il-sena giet ridotta b'erba snin.

Mill-provi rrizulta li dawn iz-zewg gudikanti gew akkuzati separatament u filwaqt li fil-konfornti ta' wiehed minnhom il-kaz huwa deciz (vide sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Marzu 2007 fil-kawza fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Patrick Vella li vera kopja taghha tinsab inserita a fol. 1339 sa 1354 tal-process), il-kaz tal-gudikant l-iehor, l-ex Prim Imhallef Dr. Noel Arrigo ghadu sub-judice. Il-Prosekuzzjoni fil-kaz odjern qed takkuza lit-tlett imputati li fix-xhar ta Lulju 2002 jew fix-xhur ta' qabel din id-data in konnessjoni mal-imsemmija sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irrendew ruhhom komplici billi ikkorompew tnejn mit-tlett gudikanti li kienu qed jipresjedu l-Qorti tal-Appell Kriminali in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghhom billi offrew xi weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli iehor jew xi vantagg iehor. Issa ma hemmx dubju li gie pruvat li l-persuni li allegatament gew korrotti kienu ufficjali pubblici stante li l-kariga ta' gudikant li kienu jokkupaw l-ex-Prim imhallef Dr. Noel Arigo u l-ex Imhallef Dr. Patrick Vella fiz-zmien li inghatat is-sentenza zgur tikwalifika bhala wahda pubblika. L-anqas ma hemm dubju li l-allegata korruzjoni saret in konnessjoni mal-kariga taghhom peress li kienet tinvolvi sentenza li dwarha huma kellhom jiddeliberaw u jippronunzjaw fil-Qorti li huma kienu qed jipresjedu.

Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa il-kontenut tat-traskrizzjoni tal-aktar minn hamsin telefenata (traskrizzjonijet inseriti a fol. 150 tal-atti processwali), wara li semghat ir-recordings ta' dawn it-telefonati, wara li semghat ix-xhieda ta' Joseph Zammit, u wara li semghat lill-istess Joseph Zammit jidentifka il-vucijiet tal-persuni li jinstemghu fit-telefonati u wara li hadet konjizzjoni tal-istqarrija rilaxxjata minn Anthony Grech Sant jidrilha li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li t-tlett imputati odjerni ippartecipaw u ghalhekk irrendew ruhhom komplici fil-korruzzjoni taz-zewg gudikanti imsemmija fl-akkuzi. Minn ezami akkurat tal-imsemmija recordings telefonici fil-fatt temergi stampa cara ta' x'gara fil-kaz tal-korruzzjoni tal-Imhallfin u tal-involviment tal-imputati odjerni izda imbaghad ix-xhieda ta' Joseph Zammit u l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Anthony Grech Sant

ikomplu jikkorroboraw u jissostanzjaw dak li jirrizulta mir-recordings telefonici.

In kwantu jirrigwarda it-traskrizzjoni tat-telefonati msemmija u l-identifikazzjoni tal-vucijiet tal-protagonisti ta' dawn it-telefonati, apparti l-identifikazzjoni li saret mix-xhud Joseph Zammit fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2007, fejn huwa identifika l-vucijiet tat-tlett imputati odjerni kif ukoll dik tal-ex-Imhallef Patrick Vella f'konversazzjonijiet telefonici li huwa kellu ma kull wiehed minnhom fix-xhur ta' qabel Lulju 2002 u rigwardanti s-sentenza tal-5 ta' Lulju 2002, saret ukoll identifikazzjoni tal-vucijiet tat-tlett imputati mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, mid-Deputat Kummissarju Joseph Cachia, mill-Asssitent Kummissarju Michael Cassar u mis-Supretendent Pierre Calleja (vide fol. 168 sa 170 u 171 u 203 et sequitur). Fil-mori tal-kawza id-Difiza kienet issollevat il-kwistjoni dwar l-ammissibilita' tax-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, tal-Asssitent Kummissarju Michael Cassar, tad-Deputat Kummissarju Joseph Cachia u tas-Supretendent Pierre Calleja in kwantu jirrigwarda l-identifikazzjoni tal-vucijiet izda permezz ta' digriet inserit a fol. 1140 et sequitur tal-process din il-Qorti kif diversament presjeduta kienet iddecidiet li tali xhieda kienet ammissibbli. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali maghmula mid-Difiza tal-imputati Pierre u Mario Camilleri kif ukoll waqt it-trattazzjoni viva voce l-istess Difiza tissottometti li r-recordings telefonici u t-traskrizzjonijiet relattivi ma jikkostitwux l-ahjar prova stante li ma nhatarx espert sabiex jidentifika l-vucijiet tal-imputati Mario u Pierre Camilleri. Il-Qorti jidrilha li tali sottomissjoni hija ghal kollox infondata u dan stante li jidrilha m'huwiex assolutament necessarju li identifikazzjoni ta' vuci issir tramite il-hatra ta' espert. Jibda sabiex jinghad li vuci tista' tigi identifikata hafna aktar facilment minn per ezempju kaligrafija. Fil-kaz ta' kaligrafija ikun hemm il-htiega ta' hatra ta' espert kaligrafu stante li l-identifikazjoni ta' kaligrafija tirrikjedi analizi akkurata li trid iissir minn espert kwalifikat sabiex jaghmel dan it-tip ta' xoghol. Fil-kaz ta' identifikazzjoni ta' vuci min-naha l-ohra din tista' ssir facilment minn persuna li tkun tkellmet diversi drabi mal-persuna koncernata minghajr il-htiega li tali persuna li tiddentifika l-vuci tkun kwalifikata

bhala espert sabiex tirrikonoxxi jew tidentifika vuci. Il-Qorti jidrilha li ma hija rikjesta ebda expertise partikolari sabiex wiehed ikun f'posizzjoni jidentifika vuci ta' persuna partikolari. Fil-kaz odjern il-vucijiet tal-imputati Mario Camilleri, Pierre Camileri u Anthony Grech Sant gew identifikati kemm mill-persuna li kienet qed titkellem maghhom f'hafna minn dawn it-telefonati kif ukoll mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, mid-deputat Kummissarju Joseph Cachia, mil-Assistent Kummissarju Michael Cassar u mis-Supretendent Pierre Calleja li lkoll tkellmu mat-tlett imputati fit-tul fil-kors tal-investigazzjonijiet u ghalhekk kienu f'posizzjoni li jgharfu u jidentifikaw il-vucijiet. Fil-fehma tal-Qorti l-identifikazzjoni li saret mill-imsemmija membri tal-korp tal-Pulizija u aktar u aktar l-identiifkazzjoni li saret mix-xhud Joseph Zammit, li f'hafna mit-telefonati kien il-persuna fuq in-naha l-ohra tal-linja, u cioe' l-persuna li kien qed jitkellem mal-imputati odjerni, tikkostitwixxi prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-vucijiet hekk identifikati kienu fil-fatt tat-tlett imputati.  Meta wiehed imbaghad iqis tali identifikazzjoni flimkien ma' dak li qal Joseph Zammit fix-xhieda tieghu fejn spjega fid-dettal kemm l-involviment tieghu kif ukoll dak tat-tlett imputati odjerni fil-korruzzjoni taz-zewg gudikanti msemmija wiehed jista' jikkonkludi li saret il-prova sal-grad rikjest mill-ligi li t-tlett imputati kienu komplici fil-korruzzjoni taz-zewg gudikanti msemmija.

F'dan l-istadju irid jinghad ukoll li d–Difiza ta' Mario Camilleri u Pierre Camilleri qed tikkontesta l-kredibilita' tax-xhud Joseph Zammit stante li qed issostni li waqt li dan tal-ahhar kien qed jiskonta l-piena karcerarja lilu imposta in konnessjoni ma' dan il-kaz huwa kien baghat messagg lill-imputat Mario Camilleri fejn qallu li kien lest li ma jixhidx fil-konfronti tieghu jekk jinghata somma flus (ara kontro-ezami tax-xhud li sar waqt l-udjenza tas-17 ta' April 2008). F'dan ir-rigward l-ewwel nett jinghad li x-xhud jinnega li qatt ghamel tali proposta lil Mario Camilleri, jinghad ukoll li kien jispetta lid-Difiza li tipprova tali allegazzjoni sal-grad tal-probabbli sabiex tiskredita ix-xhieda ta' Joseph Zammit, liema prova ma saritx. Ghalkemm gew riskontrati xi divergenzi zghar fix-xhieda ta' Joseph Zammit il-Qorti jidrilha li m'ghandhiex raguni

ghalfejn tiddubita mill-kredibilita' tax-xhieda tieghu anki ghaliex tali xhieda hija korroborata mill-kontenut tar-recordings telefonici li saret referenza ghalihom fil-paragrafi precedenti.

Id-Difiza ta' Anthony Grech Sant in kwantu jirrigwarda is-sub-iniciz (b) tal-artikolu 115 tissottometti li fil-konfronti tieghu ma giex pruvat li l-iskop li ghalih huwa ghamel offerta lil gudikant (lil ex-Prim iImhallef Noel Arrigo) kien dak li jgeghlu li jonqos milli jaghmel dak li huwa fid-dmir tieghu li jaghmel. Id-Difiza ta' Anthony Grech Sant tghid li mill-istqarrija volontarja tal-istess Grech Sant fil-fatt jirrizulta biss li t-talba li huwa ghamel lil guidkant kienet li jkun hemm moderazzjoni fil-piena. Ii d-Difiza fil-fatt issostni li huwa poter tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tirriduci piena li hija eccessiva u li ghalhekk gudikant li jipresjedi Qorti tal-Appell ma' jistax jinghad li naqas minn dmiru meta jirriduci piena jekk huwa jirritjeni li tali piena tkun eccessiva. In kwantu jirrigwarda is-sub-inciz (c) tal-Artikolu 115 id-Difiza ta' Anthony Grech Sant tirritjeni li l-Prosekuzzjoni l-anqas ma rnexxielha tipprova fil-konfronti ta' Anthony Grech Sant li l-ufficjal pubbliku involut fil-fatt naqas milli jaghmel id-dmir tieghu. Anki fir-rigward tas-sub-inciz (c) id-Difiza tirritjeni li t-tnaqqis li sar miil-Qorti tal-Appell Kriminali tal-piena karcerarja imposta fuq Mario Camilleri mill-Qorti tal-Prim'Istanza ma' tistax titqies bhala li l-guidkanti naqsu mid-dmir taghhom u dan stante li rrizulta mill-provi li l-Qorti tal-Appell Kriminali irriduciet il-piena imposta mill-Qorti tal-Prim Istanza f'diversi okkazjonijiet. Id-Difiza ta' Anthony Grech Sant inoltre tghid li l-Qorti tal-Appell Kriminali li tat is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2002 kienet kolleggjalment komposta minn tlett Imhallfin, u m'huwiex kontestat li dwar it-tielet Imhallef li kien qed jippresjedi l-Qorti tal-Appell Kriminali flimkien mal-ex-Prim'Imhallef Noel Arigo u l-ex Imhallef Patrick Vella, u cioe' L-Imhallef Joseph Filletti, ma kienx hemm l-icken suspett fuq xi mgieba mhux korretta da parti tieghu. Id-Difiza ghalhekk tirritjeni lli huwa kontro-sens illi jinghad li fl-istess sentenza mogthija minn tlett Imhallfin, tnejn fil-fatt naqqsu li jaghmlu dak li hu fid-dmir taghhom lli jaghmlu u l-iehor fl-istess sentenza fil-fatt ghamel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel. Id-Difiza tkompli tghid li d-dmir ta'

gudikant huwa li jaqta' s-sentrenzi skond il-ligi u l-ligi taghti d-diskrezjonalita' tal-piena u ghalhekk gudikant li ezercita tali diskrezjonalita' billi naqqas piena imposta mill-Qorti tal-Prim'Istanza qatt ma jista' jinghad li naqas milli jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel. Id-Difiza ta' Anthony Grech Sant inoltre tirrileva li l-allegazzjoni dwar Grech Sant tirirgwarda biss il-korruzzjoni tal-ex-Prim Imhallef Noel Arrigo u f'dan ir-rigward ma ngabitx bhala prova sentenza li Dr. Noel Arrigo ikkommetta r-reat taht l-Artikolu 115(c), kif min-naha l-ohra ingabet in kwantu jirrigwarda l-ex-Imhallef Vella fejn ingabet bhala prova is-sentenza fejn dan tal-ahhar instab hati fuq ammissjoni tal-korruzzjoni li tifforma l-mertu tal-kaz odjern.

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni maghmula mid-Difiza ta' Anthony Grech Sant li Imhallef li jippresjedi Qorti tal-Appell li jvarja sentenza moghtija minn Qorti Inferjuri billi jirriduci l-piena ma jkunx qed jonqos minn dmiru. Il-Qorti izda jidrilha li l-Prosekuzzjoni mhux qed tallega li z-zewg gudikanti in kwistjoni naqsu minn dimrhom ghaliex irriducew il-piena. Fil-fehma tal-Qorti gudikant ikun qed jaqdi dmiru jekk jezercita din id-diskrezjonalita' jew poter moghti lilu mill-ligi jekk fid-deliberazzjoni tas-sentenza jiehu in konsiderazzjoni biss tal-fattispeci tal-kaz u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz skond dak li jirrizultalu mill-ati processwali u skond dak li jigi trattat quddiemu viva voce waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Gudikant ikun qed jonqos minn dmiru jekk jaccetta li jnaqqas jew ivarja piena ghaliex ikun gie avvicinat minn persuni li jew ikunu parti fil-kawza jew inkella qed jitkellem f'isem parti fil-kawza mhux waqt it-trattazzjoni tal-kaz jew altrimenti bil-miktub izda dejjem fl-atti tal-kaz. F'dan il-kaz gie pruvat li saret offerta ta' rigal konsistenti fi flus liz-zewg gudikanti imsemmija aktar 'il fuq sabiex ikun hemm tnaqqis fil-piena, gie pruvat li tali offerta giet acettata, gie pruvat li effettivament kien hemm tnaqqis fil-piena u gie pruvat ukoll li wara li inghatat is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2002 ir-rigal konsistenti fi flus, anki jekk anqas mill-ammont originarjament miftiehem, gie mghoddi liz-zewg gudikanti. Jirrizulta ghalhekk li z-zewg gudikanti ezercitaw id-diskrezzjoni moghtija lihom mill-ligi mhux ghar-ragunijiet permessi mill-ligi izda ghaliex gew avvicinati dwar il-kaz barra l-edificju tal-Qorti u mhux waqt

it-trattazzjoni tal-kaz u huma accettaw li jezercitaw il-poter lihom moghti skond il-ligi wara li gew hekk avvicinati u wara li saritilhom tali offerta. Huma ghalhekk certament jistghu jitqiesu li kienu qed jonqsu li jaghmlu dmirhom ghaliex parti mid-dmir taghhom certament ma jikkomprendix li jaccettaw li jiddiskutu varjazzjoni ta' piena hlief waqt it-trattazzjoni tal-kaz u aktar u aktar ma' jistax jitqies li qdew dmirhom fil-mument li accettaw offerta ta' rigal sabiex ikun hemm tnaqqis fil-piena.

Kif intqal aktar 'il fuq fil-korp ta' din is-sentenza l-imputat Anthony Grech Sant kien irrilaxxja stqarrija lil Pulizija fil-31 ta' Lulju 2002 fejn huwa stqarr l-involviment tieghu fil-kaz ta' korruzzjoni tal-Imhallfin. L-involviment tieghu kien li javvicina lil ex-Prim Imhallef Noel Arrigo sabiex jaghmel arangjamenti sabiex titnaqqas il-piena karcerarja imposta fuq l-imputat Mario Camilleri liema sentenza kienet pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Mill-istqarrija tieghu stess jirrizulta li huwa kien kellem lil Dr. Noel Arrigo u talbu sabiex jghin lil Mario Camilleri wara li kien gie mtilub jaghmel dan minn Joseph Zammit. Irrizulta wkoll li huwa ltaqa' mal-ko-akkuzat Pierre Camilleri f'zewg okkazjonijiet. Grech Sant jghid ukoll li meta avvicina lil Prim'Imhallef u talbu l-ghajnuna kien infurmah ukoll li ghal tali ghajnuna kienu disposti jhallsu s-somma ta' Lm10,000. Jekk wiehed jara d-domanda numru 10 li saret lill-imputat fl-istqarrija esebita a fol. 104 tal-process jara li ghad-domanda 'U wara dan int x'ghamilt ?' Grech Sant irrisponda hekk :-

« Iva mort inkellmu u nfurmajtu li kienu lesti jhallsu Lm10,000. Huwa qalli li kien ser jara x'jista' jaghmel pero' ma riedx flus. »

Irid jigi rilevat li ghalkemm f'din il-parti tal-istqarrija tieghu jghid li l-ex Prim Imhallef qal li kien ser jara x'jista' jaghmel izda ma riedx flus, meta l-investigaturi semmghulu r-recording ta' telefonata li saritlu minn Joseph Zammit u Pierre Camilleri fejn huwa jinstema' jghid lil dawn it-tnejn sabiex imorru jirrangaw huma direttament ma' Dr. Arrigo ghaliex una volta li ma kienux ser ihallsu is-somma ta' Lm10,000 miftehma izdda biss Lm5,000, huwa ma riedx

jibqa' aktar involut fil-kwistjoni, Anthony Grech Sant ikkonferma mhux biss li kien qal dawn il-kliem imma qal ukoll li li kieku ingabet is-somma miftehma ta' Lm10,000 kien imur jaghtiha hu din is-somma lil ex Prim Imhallef.

Il-Qorti jidrilha li mill-istqarija tal-imputat Anthony Grech Sant jirrizulta ampjament li huwa kien komplici fl-offerta li saret minn Pierre Camilleri u Joseph Zammit li kienu qed jagixxu ghan-nom tal-imputat l-iehor Mario Camilleri lil exPrim imhallef Noel Arrigo. Irrizulta wkoll li Grech Sant kien konxju li tali offerta giet accettata tant li huwa stess jghid li ma riedx jjikkonsenja l-Lm5,000 lil Dr. Arrigo wara li inghatat is-sentenza stante li din is-somma kienet anqas mill-ammont orginarjament miftiehem, u dan necesarjament jindika li allura kien hemm offerta li kienet giet accetata u li l-istess Grech Sant kien partecipi f'tali offerta ghaliex altrimenti ma kienx jghid li ma jridx jibqa' involut fil-kiwistjoni.  Inoltre jrid jigi rilevat li Grech Sant jghid ukoll li wara li rcieva it-telefonata minghand Joseph Zammit u Pierre Camilleri kien cempel lill-ex-Prim Imhallef sabiex jinfurmah li kienu ser jithallsu biss Lm5,000 u mhux Lm10,000.  Wiehed ma jistax jghid li ma jridx jibqa' nvolut f'xi haga li qatt ma kien involut fiha. Mix-xhieda ta' Joseph Zammit inoltre jirrizulta li huwa u Pierre Camilleri ikonsenjaw direttament l-ammont ta' Lm5,000 lil Dr. Noel Arrigo wara li Grech Sant kien irrifjuta li jaghmel dan ghar-ragunijiet appena spjegati u wara li inghatat is-sentenza.

Il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li kemm fil-kaz tal-imputati Mario u Pierre Camilleri kif ukoll fil-kaz tal-imputat Anthony Grech Sant jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussistu r-reati kontemplati fis-sub-incizi (b) u (c) tal-Artikolu 115 kif ukoll fl-Artikolu 120. Fil-kaz ta' Mario u Pierre Camilleri fejn hemm involuta wkoll il-korruzzjoni tal-gudikant l-iehor Dr. Patrick Vella giet esebita is-sentenza moghtija fil-konfronti tieghu mill-Qorti Kriminali fit-13 ta Marzu 2007 fejn fuq ammissjoni huwa instab hati taht l-Artikoli 115(b) u (c) u ghalhekk ingabet prova ulterjuri li l-ufficjal pubbliku li mieghu huma kienu komplici effetivament naqas mid-dmir tieghu. It-tlett imputati ghalhekk qeghdin ilkoll jinstabu hatja tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghom taht dak li jiddisponu

is-sub-incizi (b) u(c) tal-Artikolu 115 u l-Artikolu 120 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' li huma kienu komplici f'korruzzjoni ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, u dan in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu jew taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi fin-nota ta' rinviju tal-artikoli l-Avukat Generali invoka wkoll l-artikolu 121 A (1) u (3) tal-Kap. 9. Dan l-artikolu ghandu tliet subartikoli. Is-subartikolu (1) jaghmilha reat li wiehed iwieghed, jaghti jew joffri, sew b' mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li tkun kapaci li taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna imsemmija fl-artikoli precedenti, bhal ufficjali pubblici, membri tal-Kamra tad-Deputati, gurati, eccetera, sabiex igieghel lil dik il-persuna l-ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor. Is-subartikolu (2) umbaghad jaghmilha reat li xi hadd jircievi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa imsemmija fis-subartikolu (1). Is-subartikolu (3) jghid li r-reati imsemmija fiz-zewg subartikoli precedenti, jkunu kunsmati sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz.

Dan ir-reat gie introdott permezz tal-Att III tal-2002 u fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-13 ta' Lulju, 2006 fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dr. Noel Arrigo"** l-elementi ta' dan ir-reat gew spjegati fid-dettal **u** gie ritenut li :-

*"li minn ezami tal-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartikolu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha l-kaz*

*fejn A is-soggett attiv, qed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq, biex B jinfluwenza kif jiddeciedi C., sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor, prezumibbilment D."*

*"Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta' min jircevi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija fis-subartikolu (1). Mela hawn is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircevi minghand B xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghall xi hadd iehor, <u>bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C</u>. (sottolinear tal-Qorti)."*

*"Is-subartikolu (3) mbaghad 2 jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru ghal kollox sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz."*

Illi kif intqal aktar il-fuq l-Avukat Generali indika biss is-subartikoli (1) u (3) tal-Artikolu 121A u ghalhekk il-Qorti ser tikkunsidra biss dawn iz-zewg subartikoli biss ghal finijiet ta' sejbien ta' htija o meno. L-Artikolu 121A (1) isemmi tlett persuni, (i) il-persuna ta' ufficjal pubbliku, (ii) i-persuna qrib tal-ufficjal pubbliku illi turi jew tghid li ghandha influwenza fuq l-ufficjal publiku u (3) dak li jaghmel ir-reat u cioe' il-persuna li tofri l-flus lil persuna qrib l-ufficjal pubbliku bl-iskop li dan jinfluwixxi fuq l-ufficjal pubbliku, u cioe' is-suggett attiv skond l-ezempju moghti fis-sentenza tal-Qorti Kriminali li ghadu kemm sar referenza ghaliha fil-paragrafi precedenti.

Illi din il-Qorti jidrilha li fil-kaz tal-imputati Mario u Pierre Camilleri zgur ma jistax jinghad li jikkonkorri dan ir-reat kontemplat fl-Artikolu 121A(1) stante li l-offerta jew rigal sar minnhom direttament lil ufficjal pubbliku u mhux lil persuna li hi qrib tal-ufficjal pubbliku. Del resto jrid jinghad li fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghha l-Prosekuzzjoni fil-fatt issostni li dan ir-reat jista' jinghad li jissussisti biss fl-konfronti tal-imputat Anthony Grech Sant u mhux fil-

konfronti taz-zewg imputati l-ohra. Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mid-Difiza ta' Anthony Grech Sant li min jaghmel ir-reat kontemplat fl-Artikolu 121A(1) huwa il-persuna li jaghti jew joffri vantgg mhux xieraq u mhux il-persuna li tasserixxi jew tikkonferma li hija kapaci taghmel influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi xi ufficjal pubbliku. Fil-kaz odjern irrizulta li Anthony Grech Sant seta' jitqies li kien il-persuna qrib l-ufficjal pubbliku, fis-sens li mill-provi rrizulta li huwa kien habib kbir tla-Ex-Prim Imhallef Noel Arrigo, u cioe' l-ufficjal pubbliku, izda bl-ebda mod ma rrizulta li huwa kien il-persuna li offra jew wieghed vantagg mhux xieraq lil persuna qrib l-ufficjal pubbliku. Is-subartikolu (3) tal-Artikolu 121A jipprovdi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) jitqiesu li jigu kkunsmati anki jekk l-allegata kapacita' tal-intermedjarju li ssir influwenza fuq l-ufficjal pubbliku ma tkunx tezisti u ghalhekk una volta li qed jigi ritenut li l-fattispeci ta' dan il-kaz ma jinkwadrawx ruhhom f'dak kontemplat fis-subartikolu (1) isegwi li l-anqas ma jista' jigi ritenut li jinkwadraw ruhhom f'dak kontemplat fis-sub-artikollu (3).

Illi l-Qorti jidrilha li r-reat kontemplat fl-Artikolu 121A(1) u (3) ma jirrizultax pruvat fil-konfronti tat-tlett imputati odjerni u l-istess imputati qeghdin ghalhekk jigu dikjarati mhux hatja tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti taghhom.

Ikkunsidrat :

Illi l-Avukat Genreali fin-nota ta' rinviju tal-artikoli jindika wkoll li tista' tinstab htija taht dak li jiddisponi l-Artikolu 48A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda huwa evidenti li din l-akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tat-tlett imputati u ghalhekk una volta li huma qeghdin ilkoll jinstabu hatja taht l-artikoli 115(b) u (c) u 120 il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet akkuza.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat Mario Camilleri wahdu gie akkuzat ukoll li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet

ta' Malta. Din l-akkuza wkoll tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi stante li l-Prosekuzzjoni esebiet is-sentenzi moghtija fil-konfronti ta' Mario Camilleri, u cioe' dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-25 ta' Settembru 1997 (esebita a fol. 481 u 482 tal-atti processwali) u d-debita prova tal-identita' tal-imsemmija sentenza saret permezz tax-xhieda tas-Supretendent Antoine Casha (xhieda inserita a fol. 479 u 480 tal-process), kif ukoll sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (esebita a fol. 513 s 518 tal-atti processwali). L-imputat Mario Camilleri wahdu ghalhekk ser jinstab hati tas-sitt akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat :

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reat li tieghu it-tlett imputati qed jinstabu hatja izda b'mod partikolari kkunsidrat l-impatt negativ li tali reati kellu fuq is-sistema gudizzjarja. L-impatt huwa wiehed negattiv kemm ghal membri tal-gudikatura li jridu li s-socjeta' in generali jkollha fiducja shiha fl-operat taghhom kif ukoll kien negativ ghac-cittadin liema cittadin m'ghandux ikollu l-icken dubju dwar l-imparzjalita' u l-integrita' ta' min qed jiggudika. Il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li l-piena li ghandha tigi imposta fuq it-tlett imputati ghandha tkun piena karcerarja effettiva u fil-massimu stabbilit mill-ligi. F'dan l-istadju irid jigi precizat li l-artikoli 115 u 120 gew emendati permezz tal-Att III tal-2004 fejn il-parametri tal-piena applikabbli ghar-reati kontemplati fl-imsemmija artikoli zdiedu izda stante li r-reat li tieghu l-imputati qed jigu misjuba hatja fil-kaz odjern gie kummess fix-xhar ta' Lulju 2002 u fix-xhur ta' qabel din id-data l-Qorti hija marbuta li tapplika il-piena stabbilita fl-imsemmija artikoli qabel dan ma gie emendat, u cioe' piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa masimu ta' tlett snin. Peress li l-imputat Mario Camilleri qed jinstab ukoll hati li sar recidiv skond dak li jidisponu l-artikoli 49 u 50 il-piena in kwantu jirrigwarda lilu ser tizdied bi grad skond dak li jiddisponu l-istess Artikoli 49 u 50.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 49, 50, 115(b) u (c) u 120 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti

issib lill-imputat Mario Camilleri hati tal-ewwel u s-sitt akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erba' (4) snin prigunerija. Ghar-ragunijiet spjegati aktar il-fuq il-Qorti tiddikjara lill-imputat Mario Camileri mhux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah mill-istess akkuza. Peress li t-tielet akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Wara li rat l-Artikoli 115(b) u (c) u 120 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lil-imputat Pierre Camilleri hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlett snin (3) snin prigunerija. Ghar-ragunijiet spjegati aktar 'il fuq il-Qorti tiddikjara lill-imputat Pierre Camilleri mhux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza. Peress li t-tielet akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Wara li rat l-Artikoli 115 (b) u (c) u 120 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Anthony John Grech Sant hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija. Ghar-ragunijiet spjegati aktar 'il fuq il-Qorti tiddikjara lill-imputat Anthony John Grech Sant mhux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tillierah mill-istess akkuza. Peress li t-tielet akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna lit-tlett imputati ihallsu in kwantu ghal terz kull wiehed lir-Registratur tal-Qorti fi zmien xahar minn meta jigi hekk mitluba is-somma ta' tlett mija u tlieta u ghoxrin Ewro u sitta u sebghin ewro centezmu (€323.76) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes kollha konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------